MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 335/1997/1

**Matthew Sammut f' ismu propriju u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Sammut [Rent-a-car] Ltd.**
**Vs**
**Elaine Piccinino u s-socjeta' assiguratrici R.Von Brockdorff Insurance Agency Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Peress illi fis-17 ta' Awissu 1996, ghall-habta tas-1.00 a.m., waqt illi l-attur kien qed isuq il-vettura, propjeta' tal-attur noe. tat-tip Van Toyota, bin-numru ta' registrazzjoni X-0215(M) gewwa St. Andrews Road, St. Andrews, huwa safa involut f'kollizjoni awtomobilistika mal-konvenuta, li kienet qed issuq vettura tat-tip Isuzu Trooper, bin-numru ta' registrazzjoni F-9189(M);

Peress illi l-istess incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta;

Peress illi bhala konsegwenza tal-imsemmi incident, l-attur noe sofra danni estensivi fil-vettura tieghu, tant illi din giet debitament iccertifikata bhala illi kienet ghal kollox *beyond economical repair* u kellha ghaldaqstant tigi *written off*, liema vettura kellha *pre-accident value* ta' sebat elef Lira Maltin (Lm7000.00);

Peress illi, ulterjorment bhala konsegwenza ta' l-imsemmi incident awtomobilistiku, l-attur proprio sofra wkoll griehi ta' natura gravi li hallew ukoll debilita' fizika permanenti;

Peress illi l-konvenuta, minkejja li giet diversi drabi interpellata biex jaghmel tajjeb ghal dawn id-danni fuq imsemmija, anke permezz ta' ittra ufficjali, baqghet inadempjenti;

Peress illi s-socjeta' konvenuta hija s-socjeta' assikuratrici tal-vettura misjuqa mill-konvenuta f'din il-kollizjoni a tenur u effett tal-Ligi;

Ighidu l-konvenuti ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddikjaraha lill-konvenuta Elaine Piccinino unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar is-17 ta' Awissu 1996, ghall-habta tas-1.00 a.m., gewwa St. Andrews Road, St. Andrews, bejn il-vettura ta' l-attur noe bin-numru ta' registrazzjoni X-0215(M) u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru ta' registrazzjoni F-9189(M);

2. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom, ihallsu lill-attur noe is-somma ta' sebat elef Lira Maltin (Lm7000.00), jew somma verjuri, ammont rapprezentanti danni sofferti mill-attur noe fil-vettura numru ta' registrazzjoni X-0215(M);

3. Tillikwida d-danni konsegwenzjali l-ohra kollha sofferti mill-attur noe, kif jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, occorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom, li jhallsu lill-attur noe tali danni hekk likwidati taht it-tielet talba hawn migjuba;

5. Tillikwida d-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur proprio bhala rizultat tad-dizabilita’ fizika permanenti u tal-griehi gravi li soffra, occorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

6. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-attur is-somma rapprezentanti d-danni hekk likwidati, taht il-hames talba hawn migjuba;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ 16 ta’ Ottubru 1996, u interessi legali mid-data tan-notifika ta’ dana l-att ta’ Citazzjoni sad-data tal-hlas effettiv ghal dak li jirrigwarda it-tieni talba attrici u bl-interessi legali ghar-rimanenti, kontra l-konvenuti, li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Elaine Piccinino li biha eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes, stante li l-kollizzjoni awtomobilistika de quo, issuccediet tort unikament ta’ l-attur Sammut u dan minghajr perizji, negligenza u traskuragni fis-sewqan.

Rat il-kontro talba tal-istess konvenuta rikonvenzjonanti li biha ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi fil-17 ta’ Awissu 1996, ghall-habta ta’ 11.00 pm. f’ St. Andrews Road, St. Andrews, waqt li l-konvenuta kienet qed isuq il-karozza tal-marka Isuzu Troupe’ bin-numru tar-registrazzjoni F-9189, l-attur li kien qed isuq il-karozza Van Toyota bin-numru ta’ registrazzjoni X-0215, bi traskuragni, imperizja u negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku dahal fil-vettura tal-konvenuta u

kkawzalha hsara kbira kif ser jirrizulta mill-anness skizz Dokument A.

Peress illi in konsegwenza ta' dan l-incident awtomobilistiku, il-konvenuta soffriet griehi ta' natura gravi li hallewla debilita' fizika permanenti.

Peress illi l-attur gie interpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni tad-danni, izda baqa' inadempjenti.

Ighid l-attur ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. tiddikjara li l-incident sehh nhar is-17 ta' Awissu, 1996, ghall-habta tal-11.00 pm bejn il-kontendenti, sehh tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-konvenuta, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

3. tikkundanna l-attur li jhallas il-konvenuta d-danni hekk likwidati ai fini tat-tieni talba.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta R.Von Brockdorff Insurance Agency Limited li biha eccepiet:

1. In linea preliminari, is-socjeta' eccipjenti mhix l-assikurat tal-vettura Nru. F-9189(M) misjuqa mill-konvenuta Elaine Piccinino. Is-socjeta' eccipjenti hija agent tas-socjeta' estera Commercial Union Assurance Company plc li kienet l-assikuratur tal-vettura misjuqa mill-konvenuta Elaine Piccinino – ghalkemm l-istess Elaine Piccinino ma kenitx koperta mill-polizza vigenti. Ghaldaqstant – kif imharrka – is-socjeta' eccipjenti ma tistax tkun il-legittima kontradittur tal-atturi. Ghalhekk ghandha tkun liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Bla pregudizzju ghall-premess – ukoll in linea preliminari – is-socjeta' eccipjenti anke bhala mandatarja tas-socjeta' assikuratrici estera Commercial Union Assurance Company plc ma ghandha ebda relazzjoni

guridika mal-atturi u ghaldaqstant ma tistax tkun il-legittima kontradittur tal-atturi. Ghalhekk ghandha tkun liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Bla pregudizzju ghall-premess, fil-meritu, it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu respinti kollha stante li l-incident awtomobilistiku de quo gara unikament htija tal-attur Matthew Sammut.

Rat in-nota prezentata fis-7 ta' Lulju 1998 li biha l-attur *proprio et nomine* ceda l-atti tal-kawza fil-konfront tal-konvenuta R.Von Brockdorff Insurance Agency Limited;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur *proprio et nomine* rikonvenzjonat li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet rikonvenjenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-konvenuta rikonvenjenti stante illi l-incident de quo gara unikament bhala rizulat ta' negligenza, traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess konvenuta rikonvenjenti;

2. Illi jsegwi illi ma hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront ta' l-attur rikonvenut;

3. Illi jsegwi ulterjorment illi l-attur rikonvenut ma ghandux jigi kkundannat illi jhallas ebda danni.

Rat d-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti;

Rat ir-relazzjonijiet tal-esperti medici il-Kirurgu Fredrick Zammit Maempel[1] u d-dentist Dottor Paul Vassallo[2], minnhom debitament mahlufa fl-udjenza tas-7 ta' Jannar 2004 u fl-10 ta' Dicembru 2003 rispettivament;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

---

[1] Fol.296 *et seq.*
[2] Fol.239 *et seq.*

Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-incident meritu tal-kawza odjerna sehh fil-lejl ta' bejn is-16 u 17 ta' Awissu 1996 gewwa St.Andrews Road li minn San Giljan taghti ghal Bahar ic-Caghaq, u precisament f' dik il-parti li testendi bejn il-Wembley Service Station minn naha ta' isfel u l-Forum Holtel [gia' Atlas Hotel] minn naha ta' fuq. Il-karreggjata f' din il-parti tat-triq kienet asfaltata u tiehu traffiku miz-zewg nahat.

Mill-provi jirrizulta li l-incident sehh bejn nofs il-lejl u kwart [12.15 am] u s-siegha nieqes kwart [1.45 am] tas-17 ta' Awissu[3], meta il-vettura Van Toyota [X-0125M] misjuqa mill-attur Matthew Sammut fid-direzzjoni ta' Paceville sfat involuta f' kollizzjoni *head on* mal-vettura Isuzu Trooper [F9189M] misjuqa mill-konvenuta Elaine Piccinino li kienet gejja mid-direzzjoni opposta. L-iskontru kien qawwi tant li z-zewg vetturi sofrew hsarat estensivi u z-zewg sewwieqa garrbu feriti ta' natura gravi.

Illi dwar id-dinamika tal-incident jezistu zewg versjonijiet kontrastanti. L-attur minn naha tieghu jsostni li meta huwa kien niezel lejn Pacevilli fuq in-naha tieghu tat-triq b' velolicta' normali, hin minnhom lemah dawl ta' vettura li kienet tiela' mid-direzzjoni opposta fuq in-naha l-ohra tat-triq, taqsam it-triq u tinvadi l-karreggjata tieghu. L-attur jispjega li meta gie rinfaccjat b' din il-vettura gejja bi speed fid-direzzjoni tieghu fuq in-naha tieghu tat-triq, huwa gibed lejn ix-xellug tieghu, kwazi waqqaf il-vettura tieghu, teptep id-dwal u daqq il-horn, izda dan inutilment ghax il-vettura l-ohra baqet diehla fuqu fi skontru frontali u mad-daqqa kaxkret il-van tieghu lura ghal certu distanza notevoli, biex eventwalment iz-zewg vetturi spiccaw imwahhlin ma xulxin fuq in-naha l-ohra tat-triq, u cioe' fil-karreggjata li suppost kienet ghaddejja minnha l-konvenuta Piccinino.

[3] F' dan ir-rigward jigi osservat li, ghalkemm in-naha attrici sostniet li l-incident gara fis-1.00 am filwaqt li n-naha konvenuta sostniet li sehh ghall habta ta' 12.00 am, mix-xhieda ta' Paul Vassallo nurse li kien *night duty* dak il-hin jirrizulta li "ghall-habta tan-nofs siegha [12.30 am] kien cempel is-surgent mill-control room" u informahom dwar l-incident. Dan ifisser li l-incident la sehh fis-1.00 am, u lanqas f' 12.00 am kif sostniet omm il-konvenuta li qalet li meta wasslet fuq il-post ghal xi 12.15 am kien hemm diga' l-ambulanza fuq il-post. Jidher wkoll li l-pulizja bdiet tinvestiga ghal habta tas-1.00 am.

Il-konvenuta minn naha taghha ssostni li meta hija kienet qeda ssuq f' dik il-parti tat-triq bi "speed moderat" u fuq in-naha taghha tat-triq, rat "il-konvenut li kien gej minn naha opposta qabez vettura ohra, xaqleb ghan-naha tal-konvenut[a] u b' hekk ikkaguna l-habta."[4] Fi kliem iehor, l-incident sehh minhabba manuvra ta' sorpass inkonsulta da parti tal-attur. In sostenn ta' din it-tesi taghha, il-konvenuta prezentat affidavit[5] ta' Etienne Cachia li allegatament kien qed isuq wara l-konvenuta, izda bi spazju ta' karrozza bejniethom, u li allegatament kien xhud okulari tal-incident.

In propositu ghall-affidavit rilaxxjat minn dan ix-xhud il-Qorti tikkonsidera opportuni s-segwenti osservazzjonijiet li, jdghajjfu serjament il-kredibilita' tieghu sa tal-punt li wasslu lil din il-Qorti biex tiskarta kompletament il-kontenut tal-affidavit tieghu. Jigi osservat li, ghalkemm fl-affidavit tieghu Etienne Cachia sostna li l-van misjuq mill-attur kien ghaddej *"at a fast speed"* u f' dak il-mument kien qed jaghmel manuvra ta' sorpass u li ghalhekk *"was driving on the wrong side of the road."*; fix-xhieda[6] tieghu in kontro ezami huwa qal li: <u>la jiftakar</u> li kien ghamel affidavit, <u>la jiftakar</u> fuq liema naha tat-triq sehh l-incident, <u>la jaf</u> *[sic]*jekk il-vann tal-attur kienx niezel wrong side, <u>la jaf</u> jekk sal mument tal-incident l-attur kienx iffinalizza l-manuvra ta' sorpass. Ghaldaqstant din il-Qorti ma tikkonsiderax lil dan ix-xhud bhala affidabbli.

Minn naha l-ohra, il-versjoni tal-attur issib konfort shih fix-xhieda tal-Ps.508 Francis Bezzina li investiga l-incident, u rrediga r-rapport[7] u l-iskizz[8] tal-pulizija. Fid-deposizzjoni[9] tieghu dan ix-xhud ikkonferma l-ezattezza kemm tal-kontenut tal-iskizz kif ukoll tal-okkorrenza. Inoltre, ma ngabu ebda provi konkreti li jdghajjfu l-valur probatorju ta' dan id-dokument, li minn ezami tieghu jidher car u manifest li gie redatt b' mod akkurat u b' referenza ghad-

[4] Dikjarazzjoni fol.10
[5] Fol.23
[6] Deposizzjoni 13 ta' Marzu 2001 fols.177-180
[7] Fol.42
[8] Fol.41
[9] Fol.38 *et seq.*

dettal relevanti. Inoltre, ma rrizultax sodisfacentement provat li l-vetturi ccaqalqu minn posthom qabel ma gew il-pulizija.

Illi in materja ta' provi u senjatament dwar il-valur propatorju tal-iskizz tal-pulizija, gie ritenut fil-kawza *App.Inf. [PS]**Carmelo Scerri vs Esther Darmanin** deciza 20 ta' Ottubru 2003*, li "Huwa indubitat li f' kazijiet ta' kollizzjoni l-iskizz dejjem gie meqjus bhala element importanti tal-provi, ad eccezzjoni tas-sitwazzjonijiet fejn ikun jidher ovvju illi dan ma jkunx gie redatt sewwa u jkun jonqsu indikazzjonijiet li ma jistghux jitqiesu traskurabbli. L-importanza ta' dan id-dokument giet ravvizata anke fil-kaz fejn dan ma jkunx gie mahluf mis-surgent li rredigieh. Ghax anke fejn dan hu l-kaz 'hu wkoll veru li dan gie ppreparat *in situ* u *a tempo vergine* u hadd ma ressaq dubbju dwar l-integirta' tas-surgent. Dan ta' l-ahhar huwa recorder tar-*res gestae* u hu fid-dover qabel xejn, bhala parti mill-investigazzjoni tieghu, li jigbor il-fatti relevanti kif irrizultawlu materjalment u jirregistrahom fl-iskizz ta' l-okkorrenzza. Allura meta l-iskizz ikun maghmul b' mod professjonali, u fejn indikat to scale jew almenu bl-esatezza, l-qisien importanti, u ma jkunx hemm kontestazzjoni dwaru mill-partijiet in kawza, dan l-ikizz ghandu jittiehed li jghamel prova ta' dak li juri' *[App.**Carmel Camilleri vs Leone Pillow** deciz 7 ta' Ottubru 1997].*

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li ghandha taghti lil dan id-dokument u lix-xhieda tas-surgent li rredigieh u li ghamel il-kostatazzjonijiet in situ u a tempo verigne, importanza determinanti f' dan il-kaz

Minn dan id-dokument jirrizulta manifest li, ghalkemm il-vetturi eventwalment spiccaw fuq il-karreggjata l-ohra, li *spot of impact* juri bic-car li l-impatt sehh fil-karreggjata li taghti ghad-direzzjoni ta' Paceville u li minnha kien niezel korrettament l-attur, u sehh vicin il-hajt tax-xellug tal-attur ftit l-isfel fejn instab il-windscreen tal-van tieghu mal-istess hajt. Di piu' l-istess skizz juri bic-car *tyre marks* maghmula tal-Isuzu Trooper twal 15.80 metri li jestendu <u>minn gol-karreggjata tal-attur</u> b' lilwa ghal gol-karreggjata

tal-konvenuta. Il-Qorti tosserva li kemm **l-post tal-impatt** [markat b' cirku ahmar zghir mis-surgent waqt ix-xhieda tieghu], kif ukoll il-***marki tat-tyres*** li jindikaw b' mod inkonfutabbli t-tragitt tal-Isuzu qabel, waqt u wara l-impatt, jghatu konfort shih lill-versjoni tal-attur. Inoltre, it-tul tat-tyre marks kif ukoll id-distanza taghhom mill-lis-*spot of impact* u l-posizzjoni tal-vetturi kif spiccaw wara u kawza tal-incident, juru bic-car l-velocita' qawwija li kienet ghaddejja biha l-konvenuta qabel l-incident tant li nonostante l-impatt, l-Isuzu baqa' jkaxkar lil van Toyota distanza ta' 6.30 metri.

Illi mill-premess il-Qorti hi tal-fehema li l-konkluzjoni necessarja u logika hi li, meta Elaine Piccinino kienet ghaddejja fuq in-naha taghha tat-triq b' velocita' inkonsulta ossia eccessiva, hija tilfet il-kontroll tal-vettura taghha bir-rizultat li invadiet il-karreggjata tal-attur gej mid-direzzjoni opposta, holqot skontru frontali qawwi u baqghet tkaxkar il-vettura tal-attur ghal distanza notevoli. Fis-sewqan taghha l-konvenuta naqset mill-obbligu li sewwieq prudenti u diligenti ghandu li jassikura li f' kull hin jkollhu l-kontroll shih tal-vettura tieghu. Hija kienet mankanti f' dan ir-rigward, u din il-mankanza taghha kienet il-kawza prossima u immedjata tal-incident de quo.

Jigi osservat ukoll li ma rrizulta xejn censurabbli fis-sewqan tal-attur li l-vettura tieghu ma hallietx brakemarks fuq il-post tal-incident, liema fatt jaghti konfort lit-tesi tieghu li fil-ftit sekondi precedenti l-incident huwa kien kwazi wieqaf. Del resto dan huwa konfermat wkoll mill-fatt li mal-impatt il-vettura tieghu tkaxret distanza relevanti. Barra minnhekk u a korona ta' dan kollu, l-impatt sehh fuq in-naha tieghu tat-triq.

Dan premess u kunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li l-attur irnexxielu jipprova li l-incident meritu ta' din il-kawz sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u non osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenuta Elaine Piccinino. Hija floka l-osservazzjoni li "Min ikun qed isuq, ghalkemm ma jghamilx dawk il-kalkoli matematici li huma mehtiega biex fil-Qorti jigi apprezzat u gudikat il-kaz, ghandu pero' jkun jaf u jirrealizza li fis-sewqan

awtomobilistiku d-distanzi u l-kollizzjonijiet huma kwistjoni ta' sekondi; u ghalhekk is-sewwieq ghandu jirregola l-ghemil tieghu fis-sewqan konfomament" [*App.Kriminali **Pulizija vs Joseph Muscat** 7.06.195].*

Ghaldaqstant l-istess konvenuta ghandha tirrispondi ghad-danni konsegwenzjali ghall-incident li jinkludu kemm dawk emergenti kif ukoll dawk maghrufa bhala *lucrum cessans.*

**Danni**

Illi mill-provi rrizulta li fiz-zmien ta' l-incident l-attur kellu 29 sena u, ghalkemm jidher li kellu kariga manigerjali[10] mal-kumpanija *Sammut Rent-A-Car,* kien wkoll isuq vetturi u jaghmel vjaggi flimkien ma' xufiera ohra. Skond hu, kien wkoll jiehu hsbiex il-manutenzjoni tal-vetturi. Fi kliem iehor l-involviment tal-attur kien mhux biss amministrattiv izda anke fisiku b' partecipazzjoni attiva ma' xufiera l-ohra fis-servizz tal-kiri offrut mill-kumpanija.

Illi mir-rapport tal-espert mediku inkarigat minn din il-Qorti, il-Kirurgu Mr.Frederick Zammit Maempel li n-nomina tieghu qed tigi konfermata, jirrizulta li minhabba l-griehi sofferti mill-attur fir-rigel tax-xellug konsegwenza tal-incident, dana sofra disabilita' permanenti f' percentagg ta' 15%. Dan il-percentagg huwa inferjuri ghal dak ta' 22% indikat mill-Kirurgu Mr.Raymond Gatt espert *ex parte* inkarigat mill-attur.

In tema legali, gie ritenut li, minkejja l-emendi li saru permezz tal-AttXXIV/ 1995, fejn ikun hemm konflitt fil-provi mressqa permezz ta' rapport ta' espert *ex parte* ma prova ohra ta' espert mqabbad mill-Qorti, il-qorti thoss illi, jekk ma jkunx hemm **ragunijiet gravi u serji** biex iwassluha taghmel mod iehor, hija ghandha taddotta l-prova ta' l-espert taghha. *[App.C. **Joseph Attard v Carmelo D' Amato** – deciz.22.10.2002].* Fil-kaz in disamina ma jezistux tali ragunijiet li ghandhom iwasslu lil din il-Qorti biex tiddipartixxi mill-konkluzjoni tal-espert nominat minnha, liema espert kien gie suggerit miz-zewg partijiet

[10] Vide wkoll formoli tat-taxxa fols.199 - 202

b’ nota kongunta[11]. Inoltre, dan l-espert la gie eskuss u lanqas giet maghmula talba ai termini tal-Artikolu 677 tal-Kap.12. Ghaldaqstant din il-Qorti ser taddotta fl-intier tieghu r-rapport ta’ dan l-espert kif ukoll il-konkluzjoni tieghu, u b’ hekk ghall-komputazzjoni tal-lucrum cessans, id-disabilita’ ghandha titqies bhala 15%.

Illi in tema legali l-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet guridici minnha esposti fil-kawzi *PA[NC]* ***John Soler et vs Claire Gove*** *et deciza 14 ta’ Ottubru 2003, u PA [NC]* ***Emaunel Zahra vs Patrick Vassallo*** *deciza 15 ta’ Ottubru 2003, u PA[NC]* ***Mark Borg vs Gozo Channel Company Limited*** *deciza 31 ta’ Ottubru 2003 u l-kazistika hemm citata.*
Illi fil-kaz in disamina, il-komputazzjoni tal-*lucrum cessans* ghandha tkun bazata fuq is-segwenti fatturi. Il-paga tal-attur bhala impjegat tal-kumpanija, li ghas-sena 1996 kienet ta’ Lm3,444[12], b awment *arbitrio boni viri* ta’ Lm500 biex jaghmel tajjeb ghall-varjazzjonijiet fil-pagi u rata ta’ inflazzjoni matul iz-zmien. Il-multipier ghandu jkun ta’ 30 sena sabiex dan jirrifletti, mhux biss il-hajja lavorattiva shiha tal-attur, izda wkoll jiehu kont tal-fattur tac-*chances and changes of life*. Il-lump sum payment reduction ghandhu jkun ta’ 6% tenut kont tal-fatt li l-incident sehh f’ Awissu 1996 u l-proceduri odjerni gew inizjati fi Frar 1997. Fil-fehema tal-Qorti dawn il-fatturi ghandhom iwasslu ghall-figura tali li tissalvagwardja kemm l-interessi tad-danneggjat, kif ukoll dawk tad-danneggjant li m’ ghandux jitghabba bi spejjez li ma humiex konsegwenza tal-incident. Tali komputazzjoni twassal ghall-ammont ta’ sittax il-elf sitt mija u erba u disghin lira maltin [Lm16,694] rapprezentanti.

| | |
|---|---|
| Lm 3,444 + | Paga [1996] |
| Lm 500 | Awment |
| Lm 3,944 | |
| | |
| Lm 592* | Disabilita’ [15%] |
| 30 | Multiplier |
| Lm17,760 – | |

Fol.136
[12] Formula tat-taxxa ghas-sena 1996 fol.200.

| | |
|---|---|
| Lm 1,066 | Lump Sum Reduction [6%] |
| **Lm16,694** | ***Lucrum Cessans*** |

Illi d-**danni emergenti** riklamati mill-attur huma dawk rekati fil-vettura involuta fl-incident, kif ukoll dawk medici li r-ricevuti taghhom jinsabu esebiti a fols.98 sa 107 tal-process. Rigward il-hsara fil-vettura X-0215, jigi osservat li fir-rapport mhux kontradett tas-surveyor John Callus u konfermat minnu bil-gurament fid-deposizzjoni tieghu tat-8 ta' Novembru 2000, jirrizulta li l-vettura kellha *pre accident value* ta' circa Lm6,500, filwaqt li r-*wreck value* gie stmat fl-ammont ta' Lm350, b' hekk il-hsara konsegwenzjali ghall-incident tammonta ghal Lm6,150[13]**.** Rigward l-ispejjez medici, il-Qorti taccetta bhala sufficjentement provata s-somma ta' Lm209 indikata mill-attur. B'hekk id-*damnum emergens* jammontaw ghas-somma komplessiva ta' **Lm6,359**.

Ghaldaqstant is-somma globali dovuta lill-attur mill-konvenuta hija ta' tlieta u ghoxrin elf lira u tlieta u hamsin lira maltin [Lm23,053] rapprezentanti:

| | |
|---|---|
| Lm 16, 694 | Lucrum Cessans |
| Lm 6,359 | Damnum Emergens |
| ***Lm 23,053*** | ***Danni Totali*** |

Illi fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu, l-attur indika s-somma ulterjuri ta' Lm11,350 bhala *Zieda tat-telf patrimonjali*, rapprezentanti telf soffert mill-attur propio et nomine minhabba l-likwidazzjoni tal-kumpanija li, skond hu, kienet konsegwenza tal-griehi li sofra fl-incident in disamina. In sostenn ta' din il-parti tal-pretensjoni tieghu huwa pprezenta mal-affidavit tieghu rapport, mhux mahluf mill-awtur tieghu, maghmul mill-komputista Godwin Falzon li bbaza l-istima tieghu fuq prospetti indikati fl-istess rapport u fuq qligh prospettat fuq medda ta' tlett snin, mis-sena 1997 sas-sena 1999. Issa din il-Qorti wara

[13] In propositu jigi osservat li, fin-nuqqas ta' provi dwar x' sar mill-vettura wara l-incident, hi logika l-presunzjoni li dina baqghet fil-pussess tal-attur sabiex jiddisponi minnha kif jidhirlu, u ghalhekk mill-pre accident value ghandu jonqos il-wreck value li baqa' ghand l-attur.

ezami ta' dan ir-rapport *ex parte* tirrileva li kif indikat fl-istess rapport il-qligh nett tal-kumpanija ghas-sena 1994 kien ta' Lm320 u ghas-sena 1995 kien ta' Lm599, u ghalhekk il-figura ta' Lm11,350 ghal qligh prospettat ghat-tlett snin sussegwenti tidher li hija astronomika.

Izda, apparti din l-osservazzjoni, il-Qorti, wara ezami tal-provi fid-dawl ta' din il-pretensjoni attrici, u tenut kont tal-kostatazzjonijiet u konkluzzjoni tar-rapport maghmul mill-espert mediku, din il-Qorti, mill-provi migjuba, mhijex sodisfatta li l-likwidazzjoni tal-kumpanija u t-tibdil komplet fil-generu ta' negozju da parti tal-attur, ftit xhur wara l-incident, kienu konsegwenza necessarja tal-incident. Dan qed jinghad, ghax id-disabilita' li sofra l-attur li kienet f' riglejh ix-xellugija ma kellhiex twassal ghal dawn il-misuri drastici fil-konfront tal-kumpanija. Wara kollox l-attur ma kienx l-uniku xufier fil-kumpanija u d-disabilita' riskontrata minnu, ghalkemm kienet mmenomat sostanzjalment il-funzjoni tar-rigel xellugi, zgur li ma kienitx ta' ostakolu relevanti sabiex jaqdi l-funzjonijiet tieghu ta' *Manager* kif indikati fir-rapport tal-komputista Falzon, fosthom li jorganizza x-xoghol u jiehu hsieb l-aspett amministrattiv tan-negozju tieghu. Jekk minn naha l-ohra l-attur hass li wara l-incident kien ikun izjed komdu ghalih li jiftah hanut ta' stationery, huwa kellu kull dritt li jaghmel dan, izda ma jistax jippretendi li, minghajr ma jgib provi konkreti dwar in-necessita' ta' dan it-tibdil fil-generu tan-negozju, huwa jkompli jghabbi lill-konvenuta bil-piz finanzjarju ta' din id-decizzjoni li n-necessita' taghha ma tirrizultax provata sodisfacentement. Ghaldaqstant din il-parti tal-pretensjoni attrici qeda tigi respinta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar it-talbiet attrici billi, previa rigett tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa' t-talbiet kif dedotti, tiddikjara lill-konvenuta Elaine Piccinino unikament responsabbli ghall-incident indikat fic-citazzjoni, tillikwida d-danni konsegwenzjali dovuti minnha lill-attur proprio et nomine fl-ammont ta' ***tlieta u ghoxrin elf lira u tlieta u hamsin lira maltin [Lm23,053]***, u tikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-attur din is-somma ta' Lm23,053 flimkien mall-imghax legali mid-data

ta’ din is-sentenza; u bl-ispejjez kollha a kariku tal-istess konvenuta; tiddeciedi dwar il-kontro talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti billi, tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat, u tichad it-talbiet tal-konvenuta; bl-ispejjez a kariku tal-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------